**QORTI ĊIVILI**
**(SEZZJONI TAL-FAMILJA)**

**IMĦALLEF**

**Onor. Abigail Lofaro LL.D., Dip. Stud. Rel., Mag. Jur. (Eur. Law)**

**Illum, 17 ta' Ottubru 2023**

Rikors Numru: 1/23 AL

A B

vs

C D

(M.R. Numru 3281/2015)

Rat ir-rikors tar-rikorrenti li permezz tiegħu esponiet:

1. Il-partijiet iżżewġu fis-sbatax ta' Ottubru tas-sena elfejn u ħmistax (17.10.2015), kif jirriżulta mic- ċertifikat taż-żwieg hawn anness u mmarkat bhala 'Dok. A', u minn dan iż-żwieġ huma kellhom tifel wieħed, illum minorenni, u cioe' E D B, li twieled fil-hamsa ta' Jannar tas-sena elfejn u dsatax (05.01.2019).

2. Il-partijiet ilhom legalment separati permezz ta' kuntratt ippublikat fl-atti tan-Nutar Dr. Joseph Abela mill-hamsa u għoxrin ta' Frar tas-sena elfejn u tnejn u għoxrin (25.02.2022), li kopja tiegħu tinsab hawn

annessa u mmarkata bhala 'Dok. B'. Nonostante, l-partijiet ilhom separati de facto sa mid-dsatax ta' Mejju tas-sena elfejn u għoxrin (19.05.2020).

3. Ma hemm ebda prospett ragonevoli ghal rikonċiljazzjoni bejn il-partijiet stante illi minbarra li ilhom ghal dawn l-aħħar circa sentejn mifrudin, illum huma għandhom ħajja totalment separata minn xulxin.

4. Anqas ma hemm pendenzi ta' manteniment, u l-att ta' separazzjoni qiegħed jigi osservat fl-intier tiegħu.

5. Dawn il-fatti hawn fuq imsemmija jissodisfaw il-kundizzjonijiet kollha meħtieġa għall-ksib tad- divorzju skont l-Artikolu 66B tal-Kap. 16 tal-Liġijiet ta' Malta.

6. L-affidavit tar-rikorrenti in sostenn tas-suespost jinsab hawn anness u mmarkat bħala 'Dok. C.

Talbet lill-intimat jgħid għaliex din il-Qorti m'għandhiex:

1. Tippronunzja l-hall taż-żwieġ eżistenti bejn il-partijiet ai termini tal-Artikolu 66B tal-Kap.16 tal-Liġijiet ta' Malta;

2. Tordna lir-Registratur tal-Qrati sabiex fi żmien imholli għal daqshekk mill-istess Qorti, javza lid-Direttur tar-Registru Pubbliku bid-divorzju tal-partijiet biex dan jigi registrat fir-Registru Pubbliku.

Rat ir-risposta tal-intimat li permezz taghha espona:-

1. Illi l-esponent jikkonferma li l-kontendenti zzewgu fis-sbatax ta' Ottubru tas-sena elfejn u hmistax u minn dan iz-zwieg fil-hamsa ta' Jannar tas-sena elfejn u dsatax twieled il-minuri E D B;
2. Illi l-esponent jikkonferma li l-kontendenti ilhom separati de fact ghal aktar minn tlett snin u sseparaw legalment permezz ta' kuntratt ippubblikat fl-atti tan-Nutar Dr. Joseph Abela fil-hamsa u ghoxrin ta' Frar tas-sena elfejn u ghoxrin;
3. Illi l-esponenti jikkonferma ukoll li m'hemmx kwistjonijiet pendenti bejniethom dwar manteniment u m'hemmx tama ghal rikonciljazzjoni;
4. Illi flimkien ma' din ir-risposta, l-esponent qed jipprezenta l-affidavit tieghu in sostenn tal-premess (mmarkat Dok. A);

5. Illi ghalhekk l-esponent issottometti li filwaqt li huma m'ghandux oggezzjoni li jigi ppronunzjat id-divorzju bejn il-kontendenti, l-ispejjez kollha ghal tali procedura ghandhom jigu sopportatii mir-rikorrenti bhala parti li ntavolat il-proceduri;
6. Bl-ispejjez kontra r-rikorrenti;

Rat id-dokumenti li ġew esebiti;

Rat id-digriet tagħha tas-6 ta'Gunju, 2023;

Rat ir-risposta tal- l-intimat;

Rat l-Artikolu 66 B tal-Kap. 16 tal-Ligijiet ta' Malta;

Rat l-atti kollha;

Ikkunsidrat

Illi il-Qorti rat illi ir-rikorrenti irnexxielha tissodisfa ir-rekwiziti kollha meħtieġa mill-Liġi sabiex żwieġ jiġi maħlul u dana peress illi ippruvat illi l-partijiet ilhom legalment separati mill-25 ta' Frar, 2022;

Illi l-Qorti rat illi r-rikorrenti ippruvat ukoll illi ma hemm l-ebda prospett raġonevoli ta' rikonċiljazzjoni bejn il-partijiet u illi ma hemm l-ebda pendenzi fir-rigward ta' ħlas ta' manteniment;

Għaldaqstant, u għar-raġunijiet fuq imsemmija, il-Qorti filwaqt illi tilqa' t-talbiet, tippronunzja il-ħall taż-żwieġ bejn il-partijiet u tordna lir-Reġistratur tal-Qrati sabiex, fi zmien għaxart ijiem minn mindu s-sentenza ssir *res judicata*, javża lid-Direttur tar-Reġistru Pubbliku bid-divorzju tal-partijiet biex dan jiġi reġistrat fir-Reġistru Pubbliku;

Il-Qorti tordna illi l-ispejjez jibqgħu bla taxxa bejn il-partijiet.

Il-Qorti qegħda takkorċja t-terminu tal-appell għal erbat ijiem.